MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 531/2002/1

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Premier Investments Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-9 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha l-attur ppremetta:

1. Illi b'rikors ipprezentat fid-9 ta' Jannar, 2001 (dok. X), is-socjeta' *Saint George's Park Company Limited*

esponiet, *inter alia*, illi hija tiggestixxi il-kumpless turistiku *St George's Park Tourist Complex / La Vallette Complex* fi Dragonara Road, Paceville, San Giljan, u li fid-9 ta' Dicembru, 1999, talbet u kisbet il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni numru 3479/99 (kopja mandat dok. A u kopja digriet dok. B) kontra *Premier Investments Limited* sabiex izzommha milli timmolesta bi hsejjes u nkonvenjenzi ohra lir-residenti ta' l-imsemmi kumpless.

2. Illi minkejja l-hrug ta' l-imsemmi mandat, il-hsejjes u l-inkonvenjenzi xorta wahda ssoktaw u baqghu jissuperaw kwazi doppju l-limitu stipulat mill-Qorti, u kif jirrizulta wkoll minn diversi rapporti (dok. C – kopja rapport ta' V. Buttigieg ta' l-1 Ottubru, 1999; dok. D – kopja rapport ta' W. Cassar Torreggiani tat-8 ta' Marzu, 2000; dok. E – kopja rapport ta' W. Cassar Torreggiani tat-30 ta' Ottubru, 2000 u dok. F – kopja rapport ta' W. Cassar Torreggiani ta' l-10 ta' Novembru, 2000).

3. Ghalhekk ir-rikorrenti talab lill-Qorti sabiex tipprocedi ghad-disprezz ta' l-ordni mahrug minnha.

4. Illi b'digriet taghha tas-27 ta' Frar, 2001, din il-Qorti laqghet it-talba u ordnat lir-Registratur tal-Qorti, attur odjern, sabiex jipprocedi kontra s-socjeta' intimata ghad-disprezz lejn l-awtorita' taghha kif imsemmi fir-rikors (dok. G).

5. Ghalhekk l-attur qieghed jaghmel din il-kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

a. Tiddikjara illi l-agir tieghu jammonta ghal oppozizzjoni ghall-ezekuzzjoni tal-mandat imsemmi skond l-artikolu 279 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

b. Issibu hati ta’ disprezz lejn l-awtorita’ taghha skond l-istess Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, Tielet Ktieb, Titolu XVII.

c. Tikkundannah ghall-pieni hemm indikati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur mahlufa minn Charles A. Micallef ID 283546 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet pprezentata fil-31 ta’ Mejju 2002 li permezz taghha s-socjeta’ konvenuta ecepixxiet:

1. Illi, in linea preliminari, is-socjeta’ esponenti umilment tirrileva illi l-azzjoni odjerna hija legalment insostenibbli, billi hija bbazata fuq il-premessa zbaljata illi s-socjeta' esponenti opponiet ghall-ezekuzzjoni tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 3479 / 99.

2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, ic-citazzjoni attrici hija nulla stante illi ma tikkontjenix talba ghal dikjarazzjoni *ad hoc* illi l-agir allegat fl-ewwel talba attrici jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti ai termini tat-Tielet Ktieb, Titolu XVII tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi, in linea preliminari wkoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta’ esponenti umilment tirrileva illi l-azzjoni odjerna hija legalment insostenibbli, billi d-dispozizzjonijiet tat-Tietet Ktieb, Titolu XVII tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ma jikkontemplaw l-ebda azzjoni u

wisq anqas pieni, bhal dawk odjernement mitluba mill-attur, fil-konfront ta’ persuna illi tikkommetti l-agir allegat mill-attur.

4. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ic-citazzjoni attrici hija daqstant insostenibbli fil-konfront ta’ persuna guridika bhal ma hi socjeta’ limitata, illi ma tista’ qatt tinstab hatja ta’ ksur *fiziku* ta’ xi ordni tal-Qorti. L-azzjoni odjerna setghet temmai tirnexxi biss fil-konfront tad-diretturi tal-istess socjeta’ konvenuta, illi huma responsabbli ghall-amministrazzjoni u l-gestjoni taghha.

5. Illi fuq il-meritu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari sollevati hawn fuq, is-socjeta’ esponenti umilment tirritjeni li mhux minnu illi s-socjeta’ esponenti qieghda tinjora l-ordni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 3479 / 99, kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-gbir tal-provi f’din il-kawza.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi respinta, bl-ispejjez kontra l-istess attur, stante illi ma huwiex minnhu illi s-socjeta’ esponenti opponiet ghall-ezekuzzjoni tal-mandat imsemmi, ossija b’xi mod agixxiet kontra l-ordni ta’ dina l-Onorabbli Qorti jew b’disprezz lejn l-awtorita’ taghha.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta mahlufa minn Raymond Grima ID 157954 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat id-diversi rikorsi u noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Jannar 2004 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel erbgha eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat.

Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-azzjoni attrici hija insostenibbli ghaliex hija ibbazata fuq il-premessa zbaljata li l-konvenut oppona ghall-esekuzzjoni tal-mandat.

Il-Qorti ma tifhimx kif jekk il-premessa hija zbaljata, allura l-azzjoni hija insostenibbli. Fil-fehma taghha, jekk il-konvenut opponix l-esekuzzjoni tal-mandat hija kwistjoni ta’ fatt li trid tirrizulta mill-provi izda ma jistax il-konvenut a priori jghid li l-azzjoni hija insostenibbli – ghalhekk l-eccezzjoni qed tigi respinta.

It-tieni eccezzjoni hija li c-citazzjoni hija nulla ghaliex ma tikkontjenix tala dikjaratorja li l-allegat agir tal-konvenut jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita’ taghha. Kif intqal fis-sentenza KB Estate Limite vs Silvio Felice Limited (deciza fit-13 ta’ Marzu 2003):

*Biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita’ huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha u li tali tisira ma tkunx ta’ hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu innifsu mit-talba tal-attur.*

Ma hemmx dubbju li l-Qrati taghna f’dawn l-ahhar snin inqas kienu propensi illi jiddikjaraw nulli citazzjoni a bazi ta’ xi nuqqas fil-format jew kontenut taghha. Biss dan ma jfissirx lanqas li wiehed ghandhu jaghlaq ghajnejh ghal kollox u jhalli kollox ghaddej, ghaliex il-Procedura ghandha tigi segwita u mhijiex qeghda hemm ghalxejn. Fuq kollox l-attur ghandhu dejjem il-vantagg li jimposta l-kawza hu u ghalhekk hu gust li l-

konvenut ikun jaf tajjeb mill-bidu fuq liema binarju l-istess kawza tkun impostata.

Fir-rigward ta’ din it-tieni eccezzjoni il-Qorti ma thossx li din hija fondata ghaliex il-Qrati irritenew f’dan l-ahhar snin li t-talba dikjaratorja mhijiex daqshekk tassattiva una volta

ic-citazzjoni tindika car u tond x'qed jitlob l-attur. (Ara per ezempju is-sentenza Oreste Gatt vs Domenic Cutajar deciza b'mod preliminari fl-2002 u ghadha pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili).

Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi ukoll li ma tesisti ebda disposizzjoni legali citata mill-attur. Madankollu l-artiklu 997 huwa indikattiv bizzejjed u l-Qorti ma tifhimx li billi hu generiku ma jinkludix l-allegat agir tal-konvenut.

Kwantu imbghad ghall-eccezzjoni li socjeta' ma tistax titharrek ghal disprezz hemm diversi sentenzi li jghidu car u tond li din l-eccezzjoni mhijiex fondat – ara per ezempju il-kawzi fl-ismijiet David Jones vs Giuseppe Mifsud Bonnici nomine deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-29 ta' Ottubru 1993, Albert Mizzi noe vs George Schembri (4 ta' Frar 1992 – Appell) u Reno Pace et vs Alexander Attard (14 ta' Lulju 1995 – Appell) – u Victor Galea vs Marin Hili noe (P A – 1 ta' Ottubru 1996) fejn gie ritenut li "persuna" ghall-finijiet ta' responsabbilita' delittwali tinkludi ukoll socjeta' kummercjali.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel erbgha eccezzjonijiet u tordna t-tkomplija tal-kawza. Spejjes ta' din l-istanza a kariku tas-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------